REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1247

tat-2 ta' Settembru 2020

li japplika tnaqqisiet mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2020 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2019 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 ([2]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 ([3]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2058 ([4]), u

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2020 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025,

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 ([6]),

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 ([7]), u

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 ([8]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, hija għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dawn it-tnaqqisiet iridu jsiru fis-sena jew fis-snin segwenti billi jiġu applikati l-fatturi ta' multiplikazzjoni rispettivi kif stabbiliti hemmhekk.

(5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għall-2019. Għalhekk huwa xieraq li jitwettqu tnaqqisiet mill-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2020 u, fejn rilevanti, fis-snin sussegwenti, għall-istokkijiet mistada żżejjed.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1628 tat-30 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 272, 31.10.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2058 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 8).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/2236 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jiffissa, għall-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 14).

([8]) Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

(6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1726 ([9]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/112 ([10]) stabbilew tnaqqisiet mill-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti Stati Membri u għal ċerti speċijiet għall-2019. Madanakollu, għal ċerti Stati Membri, it-tnaqqisiet li kellhom jiġu applikat għal ċerti speċijiet kien ikbar mill-kwoti rispettivi disponibbli fl-2019 u għalhekk ma setgħux jitwettqu bis-sħiħ matul dik is-sena. Sabiex ikun żgurat li f'dawn il-każijiet jitnaqqas l-ammont kollu għall-istokkijiet rispettivi, jenħtieġ li jitqiesu l-kwantitajiet li jkun għad fadal meta jiġu stabbiliti it-tnaqqisiet għall-2020 u, fejn xieraq, mill-kwoti sussegwenti.

(7) Jenħtieġ li t-tnaqqisiet mill-kwoti tas-sajd, kif previst f'dan ir-Regolament, japplikaw mingħajr preġudizzju għat-tnaqqisiet applikabbli għall-kwoti tal-2020 skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 ([11]).

(8) Billi l-kwoti jingħataw f'tunnellati, jenħtieġ li s-sajd eċċessiv ta' kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata ma jitqiesx,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwoti tas-sajd stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2018/2025, (UE) 2019/1838, (UE) 2019/2236 u (UE) 2020/123 għall-2020 għandhom jitnaqqsu kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għat-tnaqqisiet previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1726 tal-15 ta' Ottubru 2019 li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2019 minħabba sajd eċċessiv fis-snin ta' qabel (ĠU L 263, 16.10.2019, p. 3).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/112 tat-22 ta' Jannar 2020 li jnaqqas il-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2019 minħabba sajd eċċessiv ta' stokkijiet oħrajn fis-snin ta' qabel u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1726 (ĠU L 21, 27.1.2020, p. 6).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 tal-5 ta' Marzu 2013 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009 (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 1).

ANNESS

TNAQQISIET MILL-KWOTI TAS-SAJD GĦALL-2020 GĦALL-ISTOKKIJIET LI ĠEW MISTADA ŻŻEJJED

Stat Membru	Kodiċi tal-ispeċi	Kodiċi taż-żona	Isem l-ispeċi	Isem taż-żona	Kwota oriġinali tal-2019 (f'kilogrammi)	Ħatt l-art permess għall-2019 (kwantità totali adattata f'kilogrammi) (1)	Qabdiet totali fl-2019 (f'kilogrammi)	Konsum tal-kwota mqabbel mal-ħatt l-art permess	Sajd eċċessiv relatat mal-ħatt l-art permess (f'kilogrammi)	Fattur ta' multiplikazzjoni (2)	Fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni (3), (4)	Tnaqqisiet pendenti mis-sena (snin) ta' qabel (5) (f'kilogrammi)	Tnaqqisiet applikabbli fl-2020 (f'kilogrammi)
DE	HER	4AB.	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 Tramuntana ta' 53° 30′ N	39 404 000	25 460 900	27 182 070	106,76 %	1 721 170	/	/	/	1 721 170
DE	MAC	2CX14-	Kavall	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u s-Subdiviżjonijiet 22-32	441 000	14 859 024	15 542 581	104,60 %	683 557	/	/	/	683 557
DK	MAC	2CX14-	Kavall	6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali 5b; l-ilmijiet internazzjonali 2a, 12 u 14	/	2 688 463	2 693 920	100,20 %	5 457	/	/	/	5 457
DK	MAC	2A34.	Kavall	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u s-Subdiviżjonijiet 22-32	14 480 000	13 330 744	14 022 305	105,19 %	691 561	/	/	/	691 561
DK	MAC	2A4A-N	Kavall	L-ilmijiet Norveġiżi 2a u 4a	10 242 000	10 252 106	11 197 228	109,22 %	945 122	/	/	/	945 122
DK	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	17 000	50 968	299,81 %	33 968	1,00	/	/	33 968
ES	BET	ATLANT	Tonn obeż	L-Oċean Atlantiku	9 415 300	8 941 151	9 095 090	101,72 %	153 939	/	C (6)	/	153 939
ES	COD	1/2B.	Bakkaljaw	1 u 2b	11 562 000	8 455 844	8 463 118	100,09 %	7 274	/	/	/	7 274
ES	GHL	1N2AB.	Ħalibatt ta' Greenland	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	2 000	14 225	711,25 %	12 225	1,00	A	/	18 338

ES	OTH	1N2AB.	Speċijiet oħra	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	31 800	35 695	112,25 %	3 895	1,00	/	/	3 895
ES	POK	1N2AB.	Pollakkju iswed	L-ilmijiet Norveġiżi 1 u 2	/	196 000	198 607	101,33 %	2 607	/	/	/	2 607
ES	RED	N3LN.	Redfish	NAFO 3LN	/	515 100	517 806	100,53 %	2 706	/	/	/	2 706
ES	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 9	15 000	15 000	15 511	103,41 %	511 (7)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	2 067	2 067
FR	BET	ATLANT	Tonn obeż	L-Oċean Atlantiku	4 167 700	4 167 700	4 687 551	112,47 %	519 851	1,20	C	/	883 747
FR	RJE	7FG.	Raja għewejna	L-ilmijiet tal-Unjoni 7f u 7g	79 000	90 399	91 485	101,20 %	1 086	/	/	/	1 086
FR	RJU	7DE.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 7d u 7e	103 000	168 000	177 718	105,78 %	9 718	/	/	/	9 718
FR	SWO	AS05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, Nofsinhar ta' 5° N	/	/	3 500	Mhux applikabbli	3 500	/	/	/	3 500
GB	COD	N1GL14	Bakkaljaw	L-ilmijiet ta' Greenland NAFO 1F u l-ilmijiet ta' Greenland 5, 12 u 14	364 000	353 500	353 500	100 %	0	/	/	4 167	4 167
GB	HER	4AB.	Aringi	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 Tramuntana ta' 53° 30′ N	55 583 000	62 320 196	62 607 628	100,46 %	287 432	/	/	/	287 432
GB	MAC	2CX14-	Kavall	6, 7, 8a, 8b, 8d u 8e; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali 5b; l-ilmijiet internazzjonali 2a, 12 u 14	152 115 000	145 768 635	154 072 694	105,70 %	8 304 059	/	A (6)	/	8 304 059
GB	RJU	7DE.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 7d u 7e	58 000	61 200	63 133	103,16 %	1 933	/	/	/	1 933
EL	BFT	AE45WM	Tonn	L-Oċean Atlantiku, Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran	285 110	304 110	312 690	102,82 %	8 580	/	C (6)	/	8 580

IE	ALB	AN05N	Alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku, Tramuntana ta' 5° N	2 854 300	3 115 420	3 213 170	103,14 %	97 750	/	C (6)	/	97 750
NL	HER	4CXB7D	Aringi	4c, 7d għajr l-istokk tal-Blackwater	18 162 000	19 497 305	19 512 481	100,08 %	15 176	/	/	/	15 176
NL	MAC	2A34.	Kavall	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u s-Subdiviżjonijiet 22-32	1 342 000	1 494 000	2 012 324	134,69 %	518 324	1,40	/	/	725 654
PT	ALB	AN05N	Alonga tat-Tramuntana	L-Oċean Atlantiku, Tramuntana ta' 5° N	1 994 200	1 794 200	2 463 161	137,28 %	668 961	1,40	C	/	1 271 026
PT	ALF	3X14-	Fonsa ħamra	L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14	164 000	149 034	156 756	105,18 %	7 722	/	A (6)	/	7 722
PT	BUM	ATLANT	Marlin blu	L-Oċean Atlantiku	50 440	7 076	18 016	254,61 %	10 940	1,00	A	/	16 410
PT	RJU	9-C.	Raja ondjata	L-ilmijiet tal-Unjoni 9	15 000	21 705	24 589	113,29 %	2 884	1,00	/	/	2 884
PT	SWO	AN05N	Pixxispad	L-Oċean Atlantiku, Tramuntana ta' 5° N	1 010 390	2 410 390	2 414 333	100,16 %	3 943	/	/	/	3 943
SE	MAC	2A34.	Kavall	3a u 4; l-ilmijiet tal-Unjoni 2a, 3b, 3c u s-Subdiviżjonijiet 22-32	4 034 000	2 945 203	3 075 839	104,44 %	130 636	/	/	/	130 636

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2018 għall-2019 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd eċċessiv ta' 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li kien hemm sajd eċċessiv konsekuttiv fl-2017, fl-2018 u fl-2019. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni ta' 1,5 minħabba li l-istokk huwa soġġett għal pjan pluriennali.

(5) Il-kwantitajiet li fadal mis-sena (snin) ta' qabel.

(6) Il-fattur addizzjonali ta' multiplikazzjoni mhux applikabbli billi s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-ħatt l-art permess.

(7) Kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata ma jitqisux.